26.11.2019

B9-0187/2019 }
B9-0189/2019 }
B9-0191/2019 }
B9-0192/2019 } RC1/Am. 5

**Emenda 5**
**Anna Cavazzini, Benoît Biteau**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**PPE, S&D, Renew, ECR**
Sitwazzjoni fil-Bolivja

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Premessa D**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
|---|---|
| ***D. billi l-azzjonijiet tat-Tribunal Elettorali Suprema wasslu għal nuqqas ta' qbil u suspetti ta' frodi mhux biss fost il-partitarji tal-kandidati tal-oppożizzjoni, iżda anke fost l-osservaturi nazzjonali u internazzjonali u l-maġġoranza tal-komunità internazzjonali;*** | ***imħassar*** |

Or. en

26.11.2019

B9-0187/2019 }
B9-0189/2019 }
B9-0191/2019 }
B9-0192/2019 } RC1/Am. 6

**Emenda 6**
**Anna Cavazzini, Benoît Biteau**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**PPE, S&D, Renew, ECR**
Sitwazzjoni fil-Bolivja

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Premessa G**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
| --- | --- |
| G. billi l-interruzzjoni mhux mistennija tal-għadd tal-voti u l-proklamazzjoni tar-rebħa mill-President Morales wasslu għal protesti u mobilizzazzjoni enormi mill-partitarji tal-oppożizzjoni, kif ukoll mill-partitarji tal-President Morales stess; billi dawn id-dimostrazzjonijiet ***kienu kawża ta' tħassib kbir għall-komunità internazzjonali kollha*** u***, sal-lum, wasslu*** għall-qtil ta' mill-inqas 32 ruħ, filwaqt li mijiet aktar ġew feruti u aktar minn 600 ruħ ġew arrestati; ***billi l-pajjiż qed isofri minn nuqqas ta' ikel u ta' fjuwil li qed ikollhom konsegwenzi serji fuq il-popolazzjoni ċivili minħabba mblokki fit-toroq mis-sostenituri favur Morales***; billi hemm tħassib dwar il-vjolenza, allegazzjonijiet ta' użu mhux meħtieġ u sproporzjonat tal-forza mill-forzi tas-sigurtà u l-fratturazzjoni tas-soċjetà; | G. billi l-interruzzjoni mhux mistennija tal-għadd tal-voti u l-proklamazzjoni tar-rebħa mill-President Morales wasslu għal protesti u mobilizzazzjoni enormi mill-partitarji tal-oppożizzjoni, kif ukoll mill-partitarji tal-President Morales stess; billi dawn id-dimostrazzjonijiet ***intużaw biex jingħata bidu għal bidla fir-reġim u biex jingħataw lura s-setgħa*** u ***l-aċċess għad-drittijiet tal-popli indiġeni; billi l-vjolenza s'issa wasslet*** għall-qtil ta' mill-inqas 32 ruħ, filwaqt li mijiet aktar ġew feruti u aktar minn 600 ruħ ġew arrestati; billi hemm tħassib dwar il-vjolenza, allegazzjonijiet ta' użu mhux meħtieġ u sproporzjonat tal-forza mill-forzi tas-sigurtà u l-fratturazzjoni tas-soċjetà; |

Or. en


Magħquda fid-diversità

26.11.2019

B9-0187/2019 }
B9-0189/2019 }
B9-0191/2019 }
B9-0192/2019 } RC1/Am. 7

**Emenda 7**
**Anna Cavazzini, Benoît Biteau**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**PPE, S&D, Renew, ECR**
Sitwazzjoni fil-Bolivja

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Premessa H**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
|---|---|
| ***H. billi l-korp inkarigat mill-amministrazzjoni tal-elezzjonijiet ma kellu ebda kredibbiltà, u wieħed mill-membri tiegħu rriżenja matul l-għadd tal-voti; billi l-oppożizzjoni ma rrikonoxxietx ir-riżultat tal-elezzjoni mwettqa f'ċirkustanzi bħal dawn, u ddenunzjat il-frodi elettorali allegata;*** | ***imħassar*** |

Or. en

26.11.2019

B9-0187/2019 }
B9-0189/2019 }
B9-0191/2019 }
B9-0192/2019 } RC1/Am. 8

**Emenda 8**
**Anna Cavazzini, Benoît Biteau**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**PPE, S&D, Renew, ECR**
Sitwazzjoni fil-Bolivja

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Premessa K**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
|---|---|
| K. billi fl-10 ta' Novembru 2019 l-awditu tal-OAS żvela irregolaritajiet u manipulazzjoni ***maġġuri*** matul l-elezzjoni, talab l-annullament tar-riżultat tal-elezzjoni u rrakkomanda proċess elettorali ġdid li għandu jinkludi awtoritajiet elettorali ġodda sabiex jiġi żgurat li titwettaq elezzjonijiet kredibbli; | K. billi fl-10 ta' Novembru 2019 l-awditu tal-OAS żvela irregolaritajiet u manipulazzjoni matul l-elezzjoni, talab l-annullament tar-riżultat tal-elezzjoni u rrakkomanda proċess elettorali ġdid li għandu jinkludi awtoritajiet elettorali ġodda sabiex jiġi żgurat li titwettaq elezzjonijiet kredibbli; |

Or. en

26.11.2019

B9-0187/2019 }
B9-0189/2019 }
B9-0191/2019 }
B9-0192/2019 } RC1/Am. 9

**Emenda 9**
**Anna Cavazzini, Benoît Biteau**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**PPE, S&D, Renew, ECR**
Sitwazzjoni fil-Bolivja

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Paragrafu 4a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***4a. Jissottolinja l-ħtieġa li l-karattru multietniku u multilingwi tal-istat jiġi ggarantit flimkien mal-legalità tiegħu;*** |

Or. en

26.11.2019

B9-0187/2019 }
B9-0189/2019 }
B9-0191/2019 }
B9-0192/2019 } RC1/Am. 10

**Emenda 10**
**Anna Cavazzini, Benoît Biteau**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**PPE, S&D, Renew, ECR**
Sitwazzjoni fil-Bolivja

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Premessa Ka (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Ka. billi l-Ħadd 10 ta' Novembru, il-President Evo Morales aċċetta r-riżultati preliminari tal-awditu tal-OAS u ħabbar elezzjonijiet ġodda; billi ftit sigħat wara, it-theddida ta' kolp ta' stat seħħet meta l-kap kmandant ta' dak iż-żmien tal-forzi armati Bolivjani, William Kaliman, li serva wkoll bħala attaché militari tal-Bolivja f'Washington bejn l-2013 u l-2016, ħeġġeġ lill-President Morales biex jirriżenja, u fil-fatt hekk għamel biex jevita aktar tixrid ta' demm u jnaqqas it-tensjonijiet; billi, l-għada, huwa telaq fuq ajruplan Messikan lejn il-Messiku fejn jinsab eżiljat;*** |

Or. en